# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Mandat t'Inibizzjoni Nru **750/2023/1 (AD)**

**ELITE NETWORK INTERNATIONAL LIMITED (C 76838)**

**VS**

**LUMBINI LIMITED (C 104260)**
**HEMANTA BHANDARI (KI 0175796A)**
**ASHRAF SHERIF MOHAMED ELSHENAWY (KI 0115230A) U**
**L-AĠENZIJA IDENTITY MALTA**
**GĦAL KULL INTERESS LI JISTA' JKOLLHA**

**Il-Qorti**:

1. Dan hu digriet finali wara talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni permezz ta' rikors tas-soċjeta' Elite Network International Limited datat ħdax (11) ta' Mejju 2023 (minn issa 'l quddiem *"is-soċjeta' rikorrenti"*), risposta tal-Aġenzija Identity Malta datata sittax (16) ta' Mejju 2023 (minn issa 'l quddiem *"l-Aġenzija intimata"*) u risposta ta' Lumbini Limited, Hemanta Bhandari u Ahsraf Sherif Mohamed Elshenawy datata sbatax (17) ta' Mejju 2023 (minn issa 'l quddiem *"l-intimati l-oħra"*).

**Preliminari**

2. B'rikors preżentat nhar il-ħdax (11) ta' Mejju 2023, is-soċjeta' rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex iżżomm lill-intimati jew min minnhom milli:

> **Isir jew jiġi permess li jsir kwalunkwe użu abbużiv mill-intimati u/jew terzi mill-profil tas-soċjeta' rikorrenti fil-*portal* li jipproċessa applikazzjonijiet ta' *Single Permit* amministrat mill-Aġenzija Identity Malta kif ukoll milli impjegati tas-soċjeta' rikorrenti jiġu trasferiti u/jew reġistrati mas-soċjeta' intimata Lumbini Limited u/jew prinċipali terzi b'mod abbużiv u mingħajr il-kunsens jew approvazzjoni tas-soċjeta' rikorrenti**;

3. Il-Qorti, b'digriet mogħti nhar il-ħdax (11) ta' Mejju 2023 stess, irriżervat illi tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri. Il-Qorti appuntat ir-rikors għas-smigħ għas-seduta tal-Ħamis, tmintax (18) ta' Mejju 2023, ordnat in-notifika tar-rikors intimati, u akkordat lill-intimati terminu sas-sbatax (17) ta' Mejju 2023 għar-risposta;

4. Permezz ta' risposta datata sittax (16) ta' Mejju 2023, l-Aġenzija intimata opponiet għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni kif mitlub, u dan għal diversi raġunijiet kif ser jiġi spjegat aktar 'il quddiem. Inoltre, permezz ta' risposta datata sbatax (17) ta' Mejju 2023, l-intimata l-oħra opponew huma wkoll għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni.

**Il-Qorti**

5. Wara illi rat l-atti u d-dokumenti kollha preżentati;

6. Wara li semgħet it-trattazzjoni tas-soċjetajiet rikorrenti u s-soċjeta' intimata waqt is-seduta tat-tmintax (18) ta' Mejju 2023;

7. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

## Fatti tal-Każ

8. In suċċint, jirriżulta mir-rikors odjern illi l-intimati Hemanta Bhandari u Ashraf Sherif Mohamed Elshenawy huma eks-impjegati fl-amministrazzjoni tas-soċjeta' rikorrenti, u preżentement diretturi tas-soċjeta' intimata Lumbini Limited;

9. Bħala parti mix-xogħol tagħha, is-soċjeta' rikorrenti tagħmel użu minn profil diġitali fuq il-*portal* ġestit mill-Aġenzija Identity Malta sabiex tirċievi u tipproċessa applikazzjonijiet għal *Single Permit* minn ħaddiema minn pajjiżi terzi;

10. F'April 2023, is-soċjeta' rikorrenti intebħet li r-reġistrazzjonijiet ta' sitta u tletin impjegati tagħha ġew revokati tramite dan il-*portal*, u li numru minn dawn l-impjegati ġew reġistrati f'isem is-soċjeta' intimata Lumbini Limited. Is-soċjeta' rikorrenti qed tissuspetta illi dan l-aġir sar mill-intimat Hemanta Bhandari, għaliex kien l-unika persuna fdat bil-kredenzjali tas-soċjeta' rikorrenti biex taċċessa l-*portal* tal-Aġenzija intimata.

## Talba tas-Soċjeta' Rikorrenti

11. Is-soċjeta' rikorrenti qed issostni illi d-drittijiet tagħha ser jiġu leżi b'mod irrimedjabbli kemm-il darba l-impjegati tagħha, li jikkostitwixxu parti kbira mill-*workforce* tagħha, jiġu abbużivament u illegalment użurpati mill-intimati jew min minnhom, b'dana illi titqiegħed f'pożizzjoni li ma tkunx tista' tonora l-obbligi kuntrattwali mal-klijenti tagħha. Huwa għalhekk illi qed titlob lil din il-Qorti sabiex iżżomm lill-intimati milli jippermettu kwalunkwe użu abbużiv mill-intimati u/jew terzi tal-profil tas-soċjeta' rikorrenti fil-*portal* amministrat mill-Aġenzija Identity Malta, kif ukoll milli impjegati tas-soċjeta'

rikorrenti jiġu trasferiti u/jew reġistrati mas-soċjeta' intimata Lumbini Limited u/jew prinċipali terzi b'mod abbużiv u mingħajr il-kunsens jew approvazzjoni tas-soċjeta' rikorrenti.

**Risposta tal-Aġenzija Identity Malta**

12. L-Aġenzija intimata tibda billi tinnota illi s-soċjeta' rikorrenti ħarrkitha sempliċiment għaliex tamministra l-pjattaforma *online* li fuqha qiegħdin isiru r-reġistrazzjonijiet allegatament abbużivi mill-intimati l-oħra. Peress, għalhekk, illi la qiegħed jiġi allegat illi hija qiegħda twettaq aġir abbużiv fuq l-istess *portal* u lanqas qed jiġi allegat illi hija parteċipi f'xi aġir allegatament abbużiv li qiegħed isir minn terzi, hija ma kellhiex tiġi mħarrka f'dawn il-proċeduri għaliex mhix il-leġittimu kontradittur għall-pretensjonijiet rikorrenti, u b'hekk għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;

13. Dwar il-mertu, imbagħad, l-Aġenzija intimata sostni illi f'dak illi huwa dritt *prima facie*, l-applikant għas-*Single Permit* huwa ċ-ċittadin ta' pajjiż terz, u mhux l-impjegant prospettiv tiegħu, b'dana illi huwa l-applikant ċittadin terz li għandu d-dritt li jagħżel ma' min ikun reġistrat bħala applikant, u mhux is-soċjeta' rikorrenti;

14. In oltre, dwar dak illi huwa preġudizzju irrimedjabbli, l-Aġenzija intimata tissottometti illi huwa ċ-ċittadin terz illi jista' jbati xi preġudizzju, u mhux is-soċjeta' rikorrenti. Dan minbarra illi jekk huwa minnu illi xi ħadd mill-intimati qiegħed jaċċessa l-profil tas-soċjeta' rikorrenti mingħajr l-approvazzjoni tagħha, din tista' tibdel il-kredenzjali tagħha sabiex dan l-aġir jitwaqqaf minnufih.

**Risposta ta' Lumbini Ltd, Hemanta Bhandari u Ashraf Sherif Mohamed Elshenawy**

15. L-intimati l-oħra jissottomettu illi, fl-ewwel lok, Ashraf Sherif Mohamed Elshenawy qatt ma kien impjegat tas-soċjeta' rikorrenti u għalhekk qatt ma kellu aċċess għall-*portal* peress illi qatt ma kien jaħdem mas-soċjeta' rikorrenti, filwaqt illi Hemanta Bhandari kellu l-aċċess tiegħu għall-*portal* revokat nhar l-14 ta' Diċembru 2022;

16. Fit-tieni lok, l-intimati l-oħra jsostnu wkoll illi s-soċjta' rikorrenti hija responsabbli għal min ikollu aċċess u min le għall-*portal* tagħha, u għandha viżbilta' ċara tal-azzjonijiet kollha li jkunu qed jittieħdu min-nies li jkun ġie delegat lilhom ix-xogħol;

17. Finalment, l-intimati jirritjenu illi s-soċjeta' rikorrenti ma ġabitx prova illi l-preġudizzju illi hija ser issofri jekk ma tintlaqax it-talba għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni huwa wieħed illi ma jistax jissewwa.

**Konsiderazzjonijiet**

*Dwar l-Eċċezzjoni Preliminari tal-Aġenzija Identity Malta*

18. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex primarjament tindirizza l-eċċezzjoni preliminari tal-Aġenzija Identity Malta, cioe illi hija mhijiex il-leġittimu kontradittur għall-pretensjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti, u għandha għalhekk tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;

19. Eċċezzjoni preliminari simili ngħatat fil-mandat t'inibizzjoni fl-ismijiet ***AJD Tuna Limited vs Direttur Ġenerali Sajd u Akwakultura***[1] u din il-Qorti kif diversement presjeduta rrilevat:

> *Il-Qorti tagħraf illi l-eċċezzjonijiet ta' natura preliminari bħal ma hi l-eċċezzjoni fuq il-leġittimu kontradittur "m'humiex, ġeneralment, ammissibbli f'din l-istanza. Dan jingħad*

[1] Mandat t'Inibizzjoni Nru 49/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Robert G Mangion, 7 ta' Frar 2020

*għaliex it-tiftix li trid tagħmel il-Qorti għas-siwi ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat m'għandux jitfixkel jew jitwaqqaf b'indaġni dwar kwestjonijiet ta' eċċezzjonijiet preliminari, jekk mhux għax jirriżulta xi difett fil-ħtiġijiet jew fil-forma li l-liġi titlob minn Mandat bħal dak"* [***JF Security and Consultancy Services Limited vs Dipartiment tal-Kuntratti et***, Mandat Nru 977/2012 JRM, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 30 ta' Lulju 2012]. *L-eċċezzjonijiet ta' natura preliminari huma kwistjonijiet solitu mħollija għal Qorti li tkun vestita bl-eżami tal-kwistjoni fuq il-mertu. Dan magħdud, din il-Qorti pero' tagħraf li ġurisprudenza m'hijiex waħda konsistenti fuq din il-materja* [Ara ***Rosette Thake et vs L-Awtorita' tal-Ippjanar et***, Mandat Nru 545/2016 JPG, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 10 ta' Mejju 2016. Ara wkoll ***Park Hotel Ltd et vs Malta Tourism et***, Mandat Nru 799/2019 RGM, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 1 ta' Lulju 2019].

*In vista ta' dan il-Qorti sejra brevement teżamina l-eċċezzjoni preliminari qabel tidħol fil-meritu tal-mandat mitlub.*

Il-Qorti kienet ikkunsidrat illi minn qari tat-talba u d-dokumenti prodotti mis-soċjeta' rikorrenti, ma kienx jirriżulta xi involviment tal-Avukat tal-Istat, u konsegwentement illiberatu mill-osservanza tal-ġudizzju;

20. Hekk ġara wkoll fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Duncan Robinson vs Teewinot Marine Malta Limited***[2]**,** fejn, minkejja illi l-fatti u ċ-ċirkostanzi kienu kemmxejn differenti minn dawk tal-każ odjern, il-Qorti rinfaċċjata b'talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni kellha tiddeċiedi dwar eċċezzjoni ta' natura preliminari rigward il-*locus standi* tal-intimat. Din il-Qorti kif diversement presjeduta allaċċjat id-deċiżjoni tagħha dwar l-eċċezzjoni

[2] Rik għall-Ħruġ ta' Mandat t'Inibizzjoni Nru 637/2019, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Lorraine Schembri Orland, 10 ta' Ġunju 2019 (emfasi miżjud minn din il-Qorti)

preliminari mal-element tal-*prima facie* illi ser jiġi diskuss aktar 'il quddiem, u sostniet:

> *Applikati dawn il-prinċipji għall-każ odjern, ikkonsidrat li r-rikorrent għandu jipprova, almenu prima facie li għandu jedd x'jinvoka kontra l-intimat eżekutant. Mhuwiex biżżejjed li juri li għandu dritt tutelabbli, imma li dak id-dritt huwa tutelabbli kontra min hu debitur tiegħu.* ***Fin-nuqqas, l-intimat ma jkunx il-leġittimu kontradittur tal-mandat****. Ovvjament huwa biżżejjed li dan in-ness giuridiku jissussisti mad-daqqa t'għajn għaliex din il-Qorti hija prekluża milli tindaga b'mod aktar approfondit dak li jispetta lill-Qorti adita mill-kawża.*

21. Dak illi qiegħda titlob is-soċjeta' rikorrenti fil-każ odjern huwa illi:

    (i) L-intimati jew min minnhom jiġu miżmuma milli jagħmlu, jew milli jiġu permessi jagħmlu, użu abbużiv mill-profil tas-soċjeta' rikorrenti fil-*portal* amministrat mill-Aġenzija intimata;

    (ii) L-intimati jew min minnhom jiġu miżmuma milli jirreġistraw jew jittrasferixxu impjegati tas-soċjeta' rikorrenti mas-soċjeta' intimati Lumbini Limited u/jew prinċipali terzi b'mod abbużiv u mingħajr il-kunsens jew approvazzjoni tas-soċjeta' rikorrenti;

22. Fir-rigward tal-ewwel parti tat-talba odjerna, din il-Qorti ma tarax kif is-soċjeta' rikorrenti għandha jedd *prima facie* x'tinvoka kontra l-Aġenzija intimata. Jirriżulta mis-sottomissjonijiet magħmula illi effettivament is-soċjeta' rikorrenti għandha aċċess għall-profil tagħha permezz ta' kredenzjali uniċi illi jistgħu faċilment jinbidlu mid-diriġenti tas-soċjeta' rikorrenti stess. Għaldaqstant, hija s-soċjeta' rikorrenti stess illi għandha s-setgħa żżomm lil terzi milli jagħmlu użu abbużiv mill-profil tagħha, billi tibdel il-kredenzjali tagħha. In oltre, din il-Qorti tinnota illi hija wkoll is-soċjeta' rikorrenti illi għandha s-setgħa tawtorizza persuni oħra illi jintavolaw

applikazzjonijiet għan-nom tagħha, u tirrevoka l-istess awtorizzazzjoni, u mhux l-Aġenzija intimata. Infatti, l-*email* esebita mill-intimati l-oħra mar-risposta tagħhom (immarkata **Dok A** a fol 20 tal-proċess) tindika b'mod ċar illi l-aċċess tal-intimat Hemanta Bhandari *"to submit application on behalf of ELITE NETWORK INTERNATIONAL LTD has been revoked by MUSTAFA ABUSEADAH"*, u cioe d-Direttur u rappreżentant legali u ġudizzjarju tas-soċjeta' rikorrenti stess. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi, mad-daqqa t'għajn, is-soċjeta' rikorrenti m'għandha l-ebda dritt x'tinvoka kontra l-Aġenzija intimata, stante illi l-Aġenzija intimata hija kompletament estranea għal dak illi qiegħed jintalab mis-soċjeta' rikorrenti permezz tal-ewwel parti tat-talba in eżami;

23. In oltre, imbagħad, fir-rigward tat-tieni parti tat-talba odjerna, l-Aġenzija intimata lanqas għandha x'taqsam mar-reġistrazzjoni jew trasferiment ta' impjegati ma' soċjeta' jew oħra. Infatti, fit-termini tar-Regolament 7 tal-L.S. 217.17[3], id-Direttur (u cioe, l-Aġenzija intimata) sempliċiment jaċċetta l-applikazzjoni kif sottomessa minn ċittadin illi jkun irid jakkwista s-*Single Work Permit* (jew minn soċjeta' illi tirreġistra lill-istess ċittadin bħala impjegat prospettiv tagħha), u, fit-termini tar-Regolamenti 11 *et seq* tal-L.S. 217.17, jipproċessa l-applikazzjoni u jara għandux jinħareġ il-permess a bażi tad-dokumenti illi jkunu ġew sottomessi mal-applikazzjoni. Ir-reġistrazzjoni ssir mis-soċjeta' illi tkun qed tissottometti l-applikazzjoni għan-nom tal-impjegati prospettivi tagħha, u mhux mill-Aġenzija intimata. Bl-istess mod, kwalsiasi trasferiment minn soċjeta' għall-oħra isir fuq inizjattiva tal-impjegat prospettiv, illi jagħżel illi jibdel l-impjegant tiegħu, u mhux tal-Aġenzija intimata. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi s-soċjeta' rikorrenti lanqas għandha xi drit *prima facie* x'tinvoka fil-konfront tal-Aġenzija intimata f'dak illi jirrigwarda t-tieni parti tat-talba in eżami;

24. Konsegwentement, huwa evidenti illi l-Aġenzija intimata ma tiċċentra mkien fit-talba tas-soċjeta' rikorrenti, u din il-Qorti sejra għalhekk **tillibera lill-Aġenzija Identity Malta mill-osservanza tal-ġudizzju.**

[3] *Proċedura ta' Applikazzjoni Waħda għal Permess Uniku fir-Rigward ta' Residenza u Xogħol u Ġabra Komuni ta' Drittijiet għal dawk il-Ħaddiema ta' Pajjiżi Terzi li jirrisjedu Legalment f'Malta*

*<u>Dwar il-Mertu tar-Rikors Odjern</u>*

25. Fl-ewwel lok, issir referenza għall-Artikolu 873(1) tal-Kap 12, illi jistabbilixxi illi, *"L-iskop tal-mandat t'inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat",* filwaqt illi skont l-Artikolu 873(2), imbagħad, *"Il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk id-drittijiet";*

26. Peress illi l-Aġenzija Identity Malta ġiet liberata mill-osservanza tal-ġudizzju, din il-Qorti mhix sejra tidħol fl-elementi addizzjonali stabbiliti fis-sub-inċiż tlieta (3) tal-Artikolu 873 illi japplika għal mandati kontra l-Gvern jew awtorita' mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha;

27. Mis-sub-inċiżi (1) u (2) tal-Artikolu 873, jirriżulta illi tlieta huma l-elementi illi għandhom jiġu sodisfatti sabiex tiġi milqugħa talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni:

    a. Il-Qorti għandha teżamina jekk ikunx ġie pruvat illi r-rikorrent għandu xi jedd *prima facie*;

    b. Il-Qorti għandha tkun sodisfatta illi l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet illi r-rikorrent qed jippretendi illi għandu;

    c. Il-Qorti għandha tkun sodisfatta illi dak illi r-rikorrent qiegħed jitlob illi l-intimat jiġi inibit milli jagħmel, jaf jikkawża preġudizzju lir-rikorrent fil-każ illi l-mandat ma jiġix akkordat;

28. F’dak li jirrigwarda l-jedd *prima facie,* ġie ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet, ***Victor Sultana vs Julian Sultana***[4]:

> *Rigward l-element tal-prima facie, il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet illi dan huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv. Ma hix kwestjoni ta’ diskrezzjoni tal-ġudikant. Fi kliem ieħor, il-jedd irid jidher ‘prima facie’, jiġifieri mal-ewwel daqqa t’għajn. Għalhekk l-eżami tal-Qorti f’dan l-istadju preliminari tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet m’għandhiex tkun waħda approfondita, imma limitata għall-apprezzament tal-elementi ġuridiċi u fattwali fuq bażi prima facie. Wieħed irid jagħraf ukoll li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikolta’, disaġju jew tħassib.*

29. L-istess, iżda f’aktar dettal, ingħad fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Helen Mercieca et vs Inġinier Joseph Bajada***[5]:

> *Illi kulma huwa meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta’ mandat t’inibizzjoni, [huwa] li jkun hemm fumus boni iuris. Huwa loġiku li billi l-mandat ta’ inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li “jidher” (fi kliem l-istess liġi) mal-ewwel daqqa t’għajn li għandu raġun. Iġifieri b’mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b’mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibilta’, u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretenzjoni jkollha probabbilta’ kbira li tintlaqa’. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta’ din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-*

[4] Mandat Nru 4/2020, Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni Ġenerali), 17 ta’ Frar 2020, Maġ Dr Brigitte Sultana
[5] Mandat Nru 1742/2016/1, Qorti Ċivili (Prim’Awla), 12 ta’ Diċembru 2016, Onor Imħ Lawrence Mintoff

*smiegħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.*

30. Għaldaqstant, hekk kif ġie ritenut fid-digriet fl-ismijiet ***Mario Zammit u Maria Bugeja vs Silvio Scerri***[6]:

> *Unikament għall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Ħadd mill-partijiet ma jista jew m'għandu jippretendi li mad-"daqqa t'għajn" għandha tkun proprju din il-Qorti li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Dan kollu qed jingħad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeċiedi finalment dwar il-pretensjonijiet tagħhom fil-mertu, iżda huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-liġi sabiex ikun operattiv il-mandat.*

31. Stabbilit il-jedd *prima facie,* il-Qorti għandha ddur sabiex tindaga jekk l-att illi jkun qed isir mill-intimat hux ta' preġudizzju għall-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, b'dana illi d-deċiżjoni dwar jekk għandux jiġi akkordat il-mandat t'inibizzjoni jew le għandha tiġi bbażata fuq il-grad ta' preġudizzju illi jkun ser jiġi arrekat lill-jeddijiet tar-rikorrenti, u cioe l-hekk imsejjaħ *periculum in mora*;

32. Ġie ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Helen Mercieca et vs Inġinier Joseph Bajada*** suċitat:

[6] Mandat Nru 1164/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 16 t'Ottubru 2020, Onor Imħ Tonio Mallia

> *Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, il-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi ta' akkordar ta' ħruġ ta' mandat, hu preġudizzju "li ma jkun[x] jista jiġi irrimedjat". Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-mandat.*[7]

33. Evidentement, għalhekk, il-preġudizzju illi jkun ser isofri r-rikorrent permezz tal-att illi jkun qed jintalab illi jiġi miżmum, jeħtieġ illi jkun **<u>irrimedjabbli</u>** sabiex il-Qorti tasal illi takkorda l-mandat t'inibizzjoni. Difatti, f'dan ir-rigward, din il-Qorti kif diversement presjeduta, fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***J. Farrugia Properties Ltd vs Annalise Farrugia***[8], spjegat illi l-*periculum in mora*:

> *[...] ifisser il-periklu li kemm-il darba eventwalment ikun hemm pronunzjament definittiv dwar id-dritt pretiż, is-sentenza ma tkunx tista' tiġi esegwita b'mod effettiv. Meta d-dritt kawtelat ma jkunx ta' natura finanzjarja, ma jkunx biżżejjed li jkun hemm rimedju pekunjarju: per eżempju permezz tal-ħlas tad-danni kemm-il darba proprjeta' immobiljari tkun sejra tiġi okkupata u mibnija, jew jekk jiġi mmolestat fit-tgawdjia ta' ħwejġu bl-eżerċizzju ta' dritt ta' passaġġ li l-persuna eżekutanda tippretendi li jkollha.*

34. L-istess ġie wkoll ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Santumas Shareholdings Limited vs Aquarius Properties Limited***[9]*:*

---

[7] Ara wkoll ***Claudine Xerri vs Maltco Lotteries Limited***, Mandat Nru 531/2018/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 3 ta' Mejju 2018, Onor Imħ Jacqueline Padovani Grima; u ***Vitus Chibuihe Ohanebo et noe vs Il-Kummissarju tal-Pulizija***, Mandat Nru 1935/2009, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 18 ta' Diċembru 2009, Onor Imħ Joseph R Micallef

[8] Mandat Nru 1714/2019/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 30 ta' Diċembru 2019, Onor Imħ Grazio Mercieca

[9] Rik Nru 330/2007/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 3 t'April 2007, Onor Imħ Lino Farrugia Sacco

*[...] mhux biżżejjed li rikorrent juri li ser isofri xi preġudizzju, iżda wkoll li tali preġudizzju jrid ikun irriparabbli; għax il-Qorti ma toħroġx il-mandat ta' inibizzjoni meta jkun hemm rimedju adegwat għar-rikorrent. Irid ikun kif jgħid it-test bl-ingliż "***necessary***".*

*Naturalment, salv dak li jingħad taħt is-sub-artikolu 5, il-preġudizzju ma jridx ikun wieħed ta' natura finanzjarja għax bħala tali dan hu rimedjabbli purche' jkun hemm l-assi għalih.*

35. Finalment, huwa prinċipju illi jirriżulta kemm mill-provvedimenti tal-liġi stess, kif ukoll minn ġurisprudenza kostanti tal-Qrati nostrana illi:

*L-Elementi li jwasslu għall-ħruġ tal-mandat huma kumulattivi mhux alternattivi u għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat. Barra minn hekk huma kriterji oġġettivi, u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat il-Qorti għandha tuża interpretazzjoni restrittiva. Il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni huwa mandat kawtelatorju li jsir fi żmien meta l-pretensjoni ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata u stabbilita. Għalhekk hija meqjusa proċedura eċċezzjonali u straordinarja.*[10]

36. Il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi sabiex teżamina jekk ir-rekwiżiti illi għandhom jissussistu għall-ħruġ tal-mandat odjern jirriżultawx jew le, u dan bl-applikazzjoni tal-prinċipji legali suċitati għall-fatti in kawża.

### A. <u>L-Ewwel Element</u>: <u>Jedd *Prima Facie*</u>

[10] ***Sultana vs Sultana*** suċitata. Ara wkoll ***George Camenzuli vs Awtorita' għat-Trasport f'Malta et***, Rik Nru 648/2019, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 20 ta' Ġunju 2019, Onor Imħ Lorraine Schembri Orland

37. Minn qari tar-rikors, il-Qorti qed tikkonkludi illi s-soċjeta’ rikorrenti qed tavvanta l-pretensjonijiet tagħha a bażi ta’ dritt illi hija tippretendi illi għandha fuq l-impjegati reġistrati magħha. Madanakollu, is-soċjeta’ rikorrenti donnha qed tinsa żewġ punti kardinali illi ġia ġew aċċennati aktar ‘il fuq fir-rigward tal-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Aġenzija intimata:

(a) Huwa dritt tal-impjegati tas-soċjeta’ rikorrenti illi japplikaw sabiex jibdlu l-impjieg tagħhom. <u>Is-soċjeta’ rikorrenti m’għandha l-ebda dritt sagrosant, u wisq u wisq inqas *prima facie*, illi żżomm lil impjegati reġistrati magħha milli japplikaw għal *Change in Employer*</u>. Infatti, fir-risposta tagħha, l-Aġenzija Identity Malta tgħid illi, wara li ġiet informata bis-suspetti tas-soċjeta’ rikorrenti, hija għamlet kuntatt ma’ numru ta’ impjegati illi intavolaw applikazzjoni ġdida sabiex jaħdmu mas-soċjeta’ Lumbini Limited, u dawn l-impjegati kkonfermaw illi kienet ix-xewqa tagħhom illi jaħdmu mas-soċjeta’ intimata Lumbini Limited u mhux aktar mas-soċjeta’ rikorrenti. Dan hekk kif tikkonferma wkoll l-*e-mail* annessa mar-risposta tal-intimati Lumbini Limited et, immarkata **Dok B** a fol 21 tal-proċess;

(b) <u>Is-soċjeta’ rikorrenti għandha kontroll uniku u esklussiv fuq il-profil tagħha u l-kredenzjali illi permezz tagħhom taċċessa l-istess profil</u>. Hija għandha wkoll kontroll uniku u esklussiv fuq il-persuni illi hija tagħżel illi tawtorizza sabiex jaċċessaw il-profil tagħha u jagħmlu r-reġistrazzjonijiet relattivi, liema kontroll jinkludi wkoll il-kontroll illi tirrevoka l-istess awtorizzazzjonijiet. Dan kif jirriżulta mill-*e-mail* immarkata **Dok A** a fol 20 tal-proċess illi permezz tagħha l-Aġenzija intimata informat lill-intimat Hemanta Bhandari illi l-awtorizzazzjoni tas-soċjeta’ rikorrenti illi permezz tagħha huwa seta’, *qua* impjegat tagħha, jirreġistra impjegati f’isimha, kienet ġiet revokata <u>mis-soċjeta’ rikorrenti stess</u>;

38. Għaldaqstant, din il-Qorti ma tqisx illi s-soċjeta' rikorrenti irnexxielha turi illi l-ewwel element rikjest sabiex tintlaqa' t-talba odjerna ġie sodisfatt, b'dana għalhekk illi **jirriżulta nieqes l-ewwel element**.

**B. It-Tieni u t-Tielet Rekwiżiti**

39. Hekk kif ġie senjalat aktar 'il fuq, ir-rekwiżiti illi jeħtieġ jissussistu għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni huma kumulattivi u mhux alternattivi. Għaldaqstant, fin-nuqqas tal-ewwel rekwiżit sabiex tiġi milqugħa t-talba odjerna, il-Qorti għandha obbligu illi tiċħad it-talba kif dedotta, u sejra tastjeni milli tagħmel indaġini dwar jekk jissussistux it-tieni u tielet rekwiżiti għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni kif mitlub.

**Decide**

40. Għal dawn il-motivi, u peress illi nstab illi huma nieqsa l-elementi rikjesti sabiex tintlaqa' talba bħal dik in eżami, din il-Qorti sejra **tiċħad** it-talba rikorrenti.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra s-soċjeta' rikorrenti.

**Digriet kamerali mogħti llum, l-Erbgħa, 31 ta' Mejju 2023.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**